MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Numru. 30/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
DOMINIC FAVA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dominic Fava, ta' 35 sena, bin Emanuel u Emanuela nee' Vidal, imwieled Pieta' fit-30 ta' Settembru 1971, minghajr residenza (7, Sqaq San Lazzru, Bormla), u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 429371(M), u akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2007, ghal habta tal-1.40pm, gewwa Triq Emvin Cremona, Santa Venera, ittanta li jikkommetti serq minn gewwa vettura tal-ghamla Daewoo, bin-numru tar-registrazzjoni AAL 232, ghad-detriment ta' John Grima minn Hal Tarxien, tal-Pieta' liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-imputat, u dan ai termini tal-Artikolu 41(a), liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma

jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 271(g), 279(a)(b) u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ parti minn vettura Daewoo, bin-numru tar-registrazzjoni AAL 232, ghad-dannu ta’ John Grima minn Hal Tarxien, u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn l-10 ta’ Jannar 2007 u l-jiem ta’ qabel din id-data, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ apparat ta’ hi-fi stereo, tal-ghamla Pioneer, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, li sar ghad-detriment ta’ sid mhux maghruf, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli matul ix-xhur ta’ Ottubru 2006 sa Jannar 2007, u fil-granet ta’ wara, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ apparat ta’ stereo tal-marka Pioneer, ghad-detriment ta’ sid mhux maghruf, u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta mal-imputat bhala li rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-imputat (a fol 15) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 14).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, b’assorbiment tar-raba’ akkuza, u wara li rat l-Artikoli 41(a), 49, 50, 261, 263, 271, 278, 279(a)(b), 281 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal erbatax-il xahar prigunerija. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tal-imputat li ma tippermettix piena alternattiva ghajr dik ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------